KUNSILL LOKALI | KALKARA | LOCAL COUNCIL

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Kalkara

## It-8 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 10/2023

17 ta' Ottubru 2023

Il-Kunsilli Lokali Kalkara ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 12, Binja tas-Salvatur, Wesgħet l-10 ta' Diċembru, 1897 fis-2 ta' wara nofsinhar.

## PREŻENTI:

Wayne Aquilina - Sindku
Vincent Bongailas - Viċi-Sindku
Maria Sultana - Kunsilliera
Speranza Chircop - Kunsilliera
Christopher Bruno - Kunsillier

Membri tal- Pubbliku: (0)

## ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Ma kienx hemm

## ASSENTI:

Ma kienx hemm

## UFFIĊJAL PREŻENTI:

Duncan Hall – Deputat Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sur Wayne Aquilina, Sindku, ippresjeda l-laqgħa

10.1 **Qari ta' ittri ta' apoloġija**

10.1. Ma kellniex.

10.2 **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni ta' minuti**

10.2.1 Il-minuti ta' seduta numru 9.23 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-seduta u għal daqstant ġew meqjusa bħala moqrija.

10.2.2 Wara kunsiderazzjoni, fuq mozzjoni tas-Sur Vincent Bongailas u ssekondata mis-Sinjura Speranza Chircop l-minuti ġew approvati unanimament.

**Punti mill-Minuti Preċedenti :**

10.3 **9.4.1 Open Day f'Villa Portelli**

Is-Sindku qal illi din l-"open day" itellet bħala parti mill-programm tal-għeluq ta' 30 sena mill-kunsilli lokali b'kollaborazzjoni ma' Heritage Malta u bi pjaċir jgħid illi l-Kunsill tal-Kalkara kien wieħed mill-uniċi kunsilli li ħa ħsieb illi jkun parteċipi. Stqarr ukoll illi jinsab verament sodisfatt bl-ammont ta' nies li attendew u li dan juri ċar illi n-nies kuntenta illi din il-villa ser terġa' tinfetaħ għal pubbliku fil-futur hekk kif ukoll diġà ġie diskuss f'seduti preċedenti. Is-Sindku qal illi kien hu li kkordina biex l-għaqdiet tal-lokal ikunu parteċipi waqt din l-open day. Is-Sindku qal illi jinsab vera kuntent illi sa fl-aħħar Villa Portelli qed terġa' tieħu l-ħajja wara dawn is-snin kollha u jwiegħed kif diġà għamel li jkompli jenfasizza l-importanza li dan il-Wirt Storiku jingħata lura lill-pubbliku u l-komunità Kalkariża. Din l-'open day' kienet eżempju ċar ta' din il-ħidma kontinwa u rispett lejn il-Kalkariżi. Wara wkoll negozjati li saru f'Villa Portelli ser tkun waħda mill-binjiet 'bienale' fejn anke delegazzjonijiet internazzjonali li ser iżuruwha. Din hija wkoll xi ħaġa internazzjonali li wieħed għandu jkun veru sodisfatt b'din il-materja.

Is-Sindku qal illi l-pass li jmiss huwa u ser ikun proċess li l-ġonna ta' din il-Villa jinfetħu għal pubbliku.

Dan l-avveniment kien wieħed pożittiv immens fejn anke jagħti kuraġġ lill-istess kunsill ikompli bil-ħidma tiegħu flimkien ma' Heritage Malta biex finalment jingħataw il-wegħdiet marbuta ma' din il-villa.

Is-Sindku żied jgħid u kkonferma li wara ħafna battibekki fix-xhur li għaddew iċ-ċint ta' Triq l-Għassieli finalment qiegħed jittella' biex jitneħħa l-periklu li kien hemm wara l-famuża maltempata li kienet għamlet xhur ilu.

Is-Sur Bongailas issuġġerixxa illi fejn hu possibbli ċ-ċint għandu jkollu partijiet minnu ħadid biex ġewwa ta' din il-Villa ikun aktar visibli minn nies passiġġiera.

**9.4.3 School Grannies**

Is-Sindku qal illi din l-inizzjativa ġdida intlaħqet skond il-mira li kellu l-kunsill stess il-għaliex kien diġa' ġie diskuss dan is-servizz beda mal-bidu tas-sena skolastika. Is-Sindku rringrazzja kemm lill-kunsilliera Speranza kif ukoll lill-Maria illi taw semhom biex dan seta' jseħħ. Is-Sindku kkonferma illi l-Kalkara hija t-3 lokal illi qed joffri dan is-servizz. Żied jgħid illi mal-applikazzjonijiet oriġinarjament li kienu wasslu l-kunsill, żiedu magħhom nies oħra nteressati u appella lill-kunsilliera biex jekk ikunu jafu lill xi ħadd ieħor interessat javviċinawh biex b'hekk inkomplu inżidu.

Is-Sinjura Sultana żiedet tgħid illi anke l-ġenituri huma ferm kuntenti b'dawn l-ischool grannies u li veru integraw mal-komunità skolastika bis-sħiħ.

Is-Sinjura Sultana nnutat illi anke tfal li forsi ma jkunux riedu jidħlu l-iskola qed ikunu huma illi jikkalmawhom biex finalment jidħlu l-iskola bla problemi ta' xejn u din hija xi ħaġa ta' sodisfazzjon ta' veru.

**10.4 Komunikazzjonijiet mis-Sindku:**

.

1. **Ġieħ il-Kalkara 2023**

Is-Sindku għarraf il-kunsill dwar in-nominazzjonijiet li ser ikunu qed jinħarġu fil-ġranet li ġejjin għat-titlu Ġieħ il-Kalkara 2023. Is-Sindku fakkar illi bħala kunsilliera ma jistgħux jinnominaw lil ebda persuna però jekk forsi xi ħadd jkollu xi suġġeriment, tajjeb li wieħed javviċinah. Is-Sindku qal illi diġà beda jikkordina l-attivita' perse u li ser ikun qed jagħti aktar dettalji kkonfermati fil-ġranet li ġejjin. Jum il-Kalkara din is-sena ser taħbat nhar ta' Ħadd u li xtaq illi terġa' ssir iċ-ċerimonja filgħodu. Bħal ma sar is-sena l-oħra wara wkoll feedback tajjeb li kellu minn nies inġenerali li ċerimonja bħal dik saret filgħodu.

2. **Qtugh taż-żebbuġ**

Is-Sindku nforma l-kunsill illi bħas-sena 2022 ser jerġa' jsir il-qtugħ taż-żebbug mil-lokal biex jerġa' jingħasar iż-żejt tal-Kalkara wara li din l-inizjattiva' intlaqgħet verament tajjeb mir-residenti. Is-Sindku saqsa formalment lill-kunislliera Maria Sultana meta l-aħjar li jsehh dan il-għaliex Maria tkun ta' spalla għal kunsill fejn jidħlu tfal preżenti f'din l-attivita' . Is-Sindku qal ħa jieħu parir professjonali mingħand il-persuna li ser jgħasar l-istess żebbuġ li ħa jinqata' u tinstab data addattata biex din l-attivita' ssir.

**3 Jum Dinji għat-tfal -**

Is-Sindku nforma illi l-Ħadd 19 ta' Novembru ser issir attività u ser ikun qiegħed jikkordina biex din l-attivita' żgħira tittella' mill-kunsill biex tiġi ċċelebrata mat-tfal tal-lokal f'dan il-jum iċċelebrat madwar id-dinja.

4 **Master Plan ix-Xatt**

Is-Sindku għarraf il-kunsill dwar xi żviluppi li qed isiru abbinati mar-riġenerazzjoni tax-Xatt fosthom il-porfido, jitweħħlu l-bankijiet, jitħawlu s-siġar, jingħalaq il-proċess tal-equipment tal-bandli eċċetra eċċetra. Dan ifisser illi fil-ġranet li ġejjin Triq Rinella u Triq il-Kapuċċini ser tkun tista' tinfetaħ finalment għat-traffiku normali u kif kienu oriġinarjament wara dan iż-żmien kollu ta' xogħolijiet għaddejjin abbinati mal-istess riġenerazzjoni. Marbut ma' dan kollu s-Sindku talab parir illi din il-leġislatura għandha tibda diskussjonijiet fuq master plan għax-Xatt/ Pjazza. Dan ifisser illi issa l-pjazza ma jistax ikollha tgeġwiġija ta' kulħadd jagħmel li jrid fejn jidħlu 'tables and chairs', 'gazebos', umbrellel u dak kollu abbonat ma' dawn iċ-ċirkostanzi. Is-Sindku qal illi la darba l-proġett tax-Xatt jiġi ffinalizzat din se tiġi pjazza meqjusa bħal tal-Birgu, Mellieħa u oħrajn. Huwa qal illi wieħed irid jilqa' ċertu abbużi b'organizzazzjoni konkreti fejn jidħlu dawn is-suġġetti. Il-kunsill għandu jkun proattiv fejn jidħol liġi u ordni għal ġranet li ġejjin.

Is-Sindku qal illi bħala kunsill għandu jifformula linji gwidi għal dawn iċ-ċirkostanzi biex b'hekk ma jkunx hemm tgerfix biex meta jiġi għas-si u n-no ikollu bażi fuq xix jimxi ma' kulħadd l-istess.

Il-kunsill qabel unanimament illi għandu jibda diskussjonijiet bħala 'way forward' biex issir master plan fuq bażi ta' ordni għax-Xatt il-ġdid li qed jiġi rriġenerat fil-preżent u li wasal fil-final tiegħu.

Il-kunsill qabel illi għandha tissejjaħ laqgħa abbażi ta' dan il-punt biss biex jiġu diskussi dawn ir-regoli biex finalment jintbgħatu lill-awtoritajiet ikkonċernati for further processing.

**10.5 Korrespondenza:**

.
Ma kienx hemm

**10.6 Komunikazzjoni mill-Kunsilliera;**

**Vincent Bongailas**

1 Fondi – Skema Annimali

Is-Sur Bongailas talab li Seg Eżek tiċċekja jekk ħarġux skemi abbinati ma' dan ir-rigward biex bħala kunsill ikun jista' japplika għal benefiċċju tar-residenti li jagħtu semhom ta' kuljum fejn jidħlu stray cats fil-lokal.

**2 Speranza Chircop**

Ħarġiet Kulturali

- Is-Sinjura Chircop infurmat il-kunsill dwar it-tibdil li kellha fuq ħarġa partikolari li ser issir 17 ta' Ottubru 2023.
- Ħarġa Agritoriżmu fit-8 ta' novembru b'postijiet limitati.
- Ħarġa għal irġiel fil-ġranet li ġejjin

Active Ageing

Is-Sinjura Chircop infurmat ukoll illi l-proġett li għaddejj bħalissa fi tisbiħ ta' kamra imsejha tal-IT waslet fil-final u li ser tiġi inawgurata aktar tard fix-xahar ta' Novembru. Is-Sinjura Chircop qalet illi minn Diċembru 2023 ser tkun qed torganizza attivitajiet għal anzjani kull nhar ta' Ħamis bi prova għal aktar proġetti futuri li tista' torganizza hi stess bħala persuna responsabbli mill-anzjani.

## 10.7 Punti Ġenerali

Is-Sur Vince Bongailas staqsa fuq No Parking Signs li tweħħlu fiż-żona ta' faċċata ta' Esplora fejn is-Sindku infurmah illi dawn tweħħlu għax sar xi żbir ta' siġar li hemm fiż-żona. Is-Sur Bongailas żied jgħid illi iż-żona għandha bżonn tindifa tajba għaliex vera jidher ikrah. Is-Sindku qal illi iż-żona hija skedata biex isir proġett b'kollaborazzjoni mal-housing fejn diġà bdew ukoll diskussjonijiet.

Is-Sur Chris Bruno innota illi fi Triq il-Missjoni Taljana inħatt ċint fejn il-knatan baqaw fi triq u qed jittieħdu 2 parking bays għalxejn. Tajjeb li wieħed forsi jikseb xi ftit informazzjoni biex dawn il-knatan jitneħħew mill-aktar fiss possibbli.

Is-Sur Chris Bruno innota ħafna ħmieġ tal-klieb fejn l-istage qabel iddur għal Straubenzee biex forsi xi ħaddiem tal-kunsill jieħdu ħsieb inaddfu ż-żona bil-possibilta' ta' ħasil fiż-żona.

Is-Sinjura Maria Sultana reġgħet fakkret il-kunsill fuq id-dgħajsa li inħadet il-kunsill li issa kien wasal iż-żmien illi wieħed jara x'ħa jagħmel biha għaliex ġiet ta' żgombru lill-iskola stess u ma taħsibx li hija etika li din tibqa' hemmhekk.

Is-Sinjura Sultana saħħqet illi l-bin ta' fejn il-gate tal-iskola wieħed irid ibgħattlu ta' spiss dan wara illi inġibdet l-attenzjoni għal ħafna drabi lill-amministrazzjoni tal-kunsill u jiżdied bin tal-klieb aktar l-isfel minħabba l-ammont ta' ħmieġ li qed jintefa' f'dan l-istess bin li mhux abbinat mal-ħmieġ tal-klieb.

Is-Sinjura Sultana ssuġġeriet li jerġa' jsir 'bus shelter' in-naħa tax-Xatt dan wara li inqalgħet minħabba x-xogħolijiet ta' Riġenerazzjoni tal-istess Xatt. Is-Sindku kkonferma illi dan il-'bus shelter' qiegħed fil-proċess li jerġa' jitweħħel però wieħed irid jifhem illi l-paperwork jieħu fit-tul però d-diskussjonijiet għadejjin u ser ikun qed jitweħħel fil-granet li ġejjin mhux fil-bogħod wisq.

Is-Sinjura Sultana saħħqet illi x-Xatt iridu jsiru pedestrian crossing żgur minħabba saħħa u sigurtà.

Is-Sinjura Sultana ssuġġeriet abbażi ta' ilmenti tan-nies jekk hux possibbli li jsir 'outdoor gym'. Is-Sindku talab illi wieħed għandu jidentifika post biex tinġieb informazzjoni forsi fuq xi fondi li bħala kunsill nistgħu napplikaw għalihom biex finalment dan il-proġett isir.

Is-Sinjura Chircop għaddiet suġġeriment illi ċ-ċint ta' quddiem il-każin tal-Malta forsi isirulu xi murials biex isebbaħ iż-żona. Is-Sindku qal illi wieħed għandu fil-fehma tiegħu iħalli ix-Xatt jiġi konkluż u miftuħ uffiċjalment u suġġerimenti bħal dawn għandom jiġu diskuss ma' l-evolviment tax-Xatt stess.

**10.8 Mistoqsijiet lis-Sindku:**

Is-Sur Bongailas xtaq jistaqsi lis-Sindku jekk hemmx żviluppi rigward it-tankijiet fiż-żona ta' Ricasoli dan wara li dan is-suġġett ġie diskuss waqt seduti oħra tal-kunsill.

Is-Sindku qal illi għadu qed jistenna appuntament formali mac-CEO ta' Falzon Group fuq din il-kwistjoni.

**10. 9 Mozzjonijiet**

Ara punt 10.11

**10.10 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti.**

Is-Sindku kkonferma illi l-iskeda kienet intbgħatet via email aktar kmieni din il- ġimgħa biex kull kunsillier ikollu ċans jagħtiha titwila kif suppost qabel japprova l-istess pagamenti .

Fuq proposta tas-Sa. Speranza Chircop ssekondata mis-Sur Christopher Bruno, il-Kunsill Lokali unanimament approva l-pagamenti inklużi fl-iskeda ta' ħlasijiet li tinstab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti (DOK A). 10.23

**10. 11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Is-Seduta ntemmet fl-3:30pm wara li ġiet eżawrita l-aġenda u ġiet aġġornata għas-17 ta' Novembru 2023 fis-2:00 ta' wara nofsinhar wara proponiment tas-Sur Christopher Bruno u ssekondat mis-Sinjur Vincent Bongailas biex is-seduta isir f'dan il-ħin. Il-kumplament tal-kunsill qabel unanimament.

Konfermati, illum ______________________________

| | |
|---|---|
| **Wayne Aquilina** | **Duncan Hall** |
| Sindku | Deputat Seg.Eżekuttiv |